31 ta' Mejju, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Scicluna, O.B.E.

**Estetika — Twaħħil ta' Avviżi — Proċediment Eżawrit — Kwerela — Kap ta' Dipartiment — Art. 14 tal-Kap. 135.**

*Darba r-reat ġie kommess, hemm lok għad-dikjarazzjoni ta' reità ta' min ikkommettieh, bil-konsegwenzi kollha ta' dik id-dikjarazzjoni; u ma jistax jiġi dikjarat eżawrit il-proċediment kontra tiegħu billi meta jasal il-jum tal-kawża l-imputat ikun neħħa d-diżordni li bih kien kiser il-liġi. Jista' biss jiġi bħala konsegwenza illi l-Qorti ma tagħtix is-solitu żmien għat-tneħħija ta' l-inkonvenjent jew diżordni li jkun.*

*Applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-każ ta' l-imputat li kien waħħal xi avviżi mingħajr il-permess tal-Board ta' l-Estetika u tal-Pulizija, u fil-jum li kellha tiġi trattata l-kawża kontra tiegħu dawk l-avviżi kien neħħihom.*

*Meta reat huwa prosegwibili ad istanza ta' Kap ta' Dipartiment, din l-istanza tixbah lill-kwerela, u għandha tiġi regolata fuq principji analogi. Imma meta l-imputat ma jagħmilx rikjesta tal-prova li kien hemm dik l-istanza tal-Kap tad-Dipartiment, l-istanza titqies li saret; u rikjesta simili mill-imputat għandha ssir "in limine litis".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imputat ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni li kkontravvjena għall-liġi billi waħħal tabella ta' l-avviżi mat-tinda ta' l-Empire Stadium bla permess tal-Pulizija u tal-Board ta' l-Estetika;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-5 ta 'April 1948, li biha l-proċediment ġie dikjarat eżawrit;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih appella minn din id-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

L-Attorney General jista' jappella, għaliex il-pont jekk, bħala kwistjoni ta' dritt, kienx hemm lok għad-dikjarazzjoni ta' karenza ta' proċediment hu ndubbjament pont tal-liġi;

Ma hux kontrastat li kien hemm din it-tabella ta' l-avviżi mwaħħla mingħajr il-permessi meħtieġa mill-liġi;

Il-Maġistrat, wara li kkonstata illi dak in-nhar stess tat-trattazzjoni tal-kawża tneħħiet, iddikjara l-proċediment eżawrit;

Hu ċar illi, ġà ladarba t-tabella twaħħlet bla permess, allura kien hemm ir-reat; u jekk kien hemm ir-reat, għandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' reità u l-konsegwenzi tagħha. Il-fatt li sadattant it-tabella kienet tneħħiet iġib biss il-konsegwenza li ma jkunx hemm għalfejn il-Qorti tipprefiġġi s-soltu terminu għar-rimozzjoni ta' l-inkonvenjent; imma ma hu qatt raġuni għad-dikjarazzjoni li l-proċess kien eżawrit. Kieku kien hekk, allura, meta jsir serq jew feriment, jekk fil-jum tat-trattazzjoni tal-kawża r-refurtiva tkun ġiet restitwita, jew il-ferut ikun imfejjaq, il-halliel jew il-feritur imorru "a piede libero" b'dikjarazzjoni li l-proċess hu eżawrit—konċett ġuridiku mhux biss insostenibili, imma addirittura inkonċepibili;

Id-difiża eċċepiet illi, fil-każ li din il-Qorti tiġi għall-konklużjoni illi l-Qorti ta' Isfel għamlet ħażin meta ddikjarat il-proċess eżawrit, allura hemm lok għall-eċċezzjoni illi l-proċess

hu null peress li ma jirriżultax, kif kien imissu jirriżulta, li kien hemm l-istanza tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi skond it-tieni subartikolu ta' l-art. 14 tal-Kap. 135;

Din l-eċċezzjoni ma hix attendibili. Għie kemm-il darba ritenut illi f'dispożizzjonijiet simili li jimponu l-istanza ta' Kap ta' Dipartiment, din l-istanza tixbah il-kwerela "mutatis mutandis", u għalhekk għandha tiġi regolata fuq prinċipji analogi;

Issa, skond il-liġi, l-imputat għandu—hu veru—id-dritt li jeżiġi li ssir prova tal-kwerela, meta hu l-każ, u għalhekk anki f'każijiet simili l-imputat għandu d-dritt li jeżiġi li ssir il-prova li kien hemm it-talba għall-proċedura mill-Kap tad-Dipartiment indikat fil-liġi partikulari li tkun; imma hu wkoll dispost mill-liġi li din ir-rikjesta ta' l-imputat għal prova simili għandha ssir "in limine litis"; kif ukoll hu dispost li, meta ma ssirx ir-rikjesta, allura l-istanza titqies li saret. Issa f'dan il-każ l-imputat ma għamel ebda talba simili fl-Ewwel Qorti; anzi, kif jidher mill-inkartament, saru fil-meritu l-provi testimonjali u dokumentali. Għalhekk, f'dan l-istadju dik l-istanza għandha titqies li saret, u l-imputat ma jistax jiġi mismugħ meta serotinament jallega l-mankanza tagħha;

Għalhekk il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat ħati, u wara li rat in-Notifikazzjoni tal-Gvern 441 ta' l-1935 u 453 ta' l-1936, u l-art. 14 (2) Kap. 135, kif ukoll l-art. 7 Kap. 12, tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' l-ammenda ta' £1;

In vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, wara li rat l-art. 8 Kap. 118, il-Qorti tordna li din il-kundanna ma tiġix imniżżla fil-fedina penali ta' l-imputat.